REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/900

tal-25 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumiex tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2020. Huwa jistabbilixxi perijodi tal-għeluq tas-sajd minħabba l-istaġun tar-riproduzzjoni għaż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku b' deroga għall-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu b'ċertu rkaptu passiv. Is-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ huwa eskluż mid-deroga. Madankollu, huwa meqjus li l-użu tal-konzijiet tal-wiċċ jenħtieġ li jitħalla u li għalhekk jenħtieġ li jiddaħħal fid-deroga, kif sar fir-regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd ta' qabel. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1838 jiġi emendat kif xieraq.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ([2]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(3) Fir-rapport tas-sessjoni plenarja tiegħu ta' bejn is-16 u l-20 ta' Marzu 2020, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ikkonkluda li, għall-qabdiet aċċessorji tal-merlangu (Merlangius merlangus) fil-Baħar Ċeltiku, il-manka b'malja maqrut ta' 100 mm b'pannell ta' malja kwadra ta' 160 mm hija l-aktar selettiva mill-erba' disinni differenti ta' manka elenkati fil-miżuri ta' rimedju li jinsabu fil-punt (a)Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2020/123 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020. L-STECF ma kellux stimi affidabbli għas-selettività tal-bakkaljaw (*Gadus morhua*) f'manka b'malja maqrut ta' 100 mm b'pannell ta' malja kwadra ta' 160 mm. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk tal-merlangu kkonċernat, huwa xieraq li jibqa' jkun possibbli l-użu tal-kombinazzjoni ta' din il-manka u tal-pannell b'malja kwadra Sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-bakkaljaw tal-Baħar Ċeltiku, jenħtieġ li l-manka b'malja maqrut ta' 100 mm b'pannell ta' malja kwadra ta' 160 mm tkompli tintuża bil-linja tas-sajd mgħollija.

(4) Ir-rata tal-mortalità mis-sajd (F) tal-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fil-Baħar tat-Tramuntana żdiedet mill-2016 'l hawn u huwa stmat li issa hija ogħla mill-punt ta' referenza tar-rata ta' mortalità (F_{lim}) li fit-tul ser twassal għal stokk ta' daqs medju fil-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa (B_{lim}). Is-sajd f'livelli ogħla mill-F_{lim} ser jirriżulta fi tnaqqis fl-istokk għal livelli inqas mill-B_{lim}. Għaldaqstant, il-bijomassa ta' stokk riproduttiv (SSB) naqset mill-2015 'l hawn u huwa stmat li l-livell tagħha huwa inqas mill-B_{lim}, Il- B_{lim} huwa l-punt ta' referenza previst fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikulari f'dak mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li taħtu l-kapaċità riproduttiva tista' tonqos. Barra minn hekk, l-irkupru baqa' wieħed baxx mill-1998 'l hawn, u fl-2016 u fl-2018 dan kien eċċezzjonalment baxx..

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 tat-30 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet ta' sajd f'ilmijiet oħra (ĠU L 281, 31.10.2019, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

(5) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li jistabbilixxi l-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana, meta l-parir xjentifiku jkun jindika li l-SSB ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament tkun taħt il-B_{lim}, iridu jittieħdu miżuri ulterjuri ta' rimedju sabiex jiġi żgurat li l-istokk jirritorna malajr għal livelli li jkunu ogħla mil-livell li jkun kapaċi jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli (l-MSY). B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd immirat għall-istokk ikkonċernat u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew għal stokkijiet oħrajn li matul is-sajd għalihom jinqabad b'mod inċidentali l-bakkaljaw, jew it-tnejn li huma.

(6) Minħabba li l-grupp reġjonali tal-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana ma għamilx Rakkomandazzjoni Konġunta għal miżuri aktar fit-tul, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li ddaħħal miżuri tekniċi addizzjonali li huma funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 f'konformità mal-impenji li ħadu l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja li huma konsistenti mad-dikjarazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill.

(7) Sabiex jonqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom hemm stabbilita qabda totali permissibbli (TAC) għall-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għas-sajd li matulu jinqabad il-ħut minn dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu l-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli biex tirkupra u tilħaq livelli sostenibbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miżuri tekniċi li jkunu marbutin mal-opportunitajiet tas-sajd mil-lat funzjonali. Skont il-ħarsa ġenerali dwar is-sajd għall-Baħar tat-Tramuntana, l-ICES jistma li jekk ma jinbidlux ix-xejriet tas-sajd u minħabba l-iskartar illegali tal-ħut, ser jinqabdu approssimament 40 000 tunnellata ta' bakkaljaw. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li l-qabdiet jaqbżu sew it-TAC maqbula, hemm bżonn jittieħdu miżuri addizzjonali biex ikomplu jiġu limitati l-qabdiet.

(8) F'konformità mal-proċedura prevista fil-ftehimiet jew fil-protokolli dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja ([4]) l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd man-Norveġja. Il-Partijiet qablu li jirrakkomandaw lill-awtoritajiet rispettivi tagħhom l-introduzzjoni ta' miżuri addizzjonali ta' rimedju biex jissupplimentaw it-TAC li kien diġà intlaħaq qbil dwarha f'Diċembru tal-2019 sabiex, b'mod temporanju, fl-2020 tingħata iktar protezzjoni kemm lill-bakkaljaw adult kif ukoll lil dak li jkun għadu qed jikber. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu għeluq staġjonali biex jitħares il-ħut li jkun għadu qed jikber, żoni ristretti b'kundizzjonijiet speċifiċi tal-aċċess u l-introduzzjoni ta' miżuri ġodda bbażati fuq l-irkaptu tas-sajd.

(9) Fid-9 ta' Marzu 2020, l-ICES ħareġ parir dwar il-qabdiet tal-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fid-diviżjonijiet 3a u 4a tal-ICES fil-Lvant (fi Skagerrak, f'Kattegat u fit-Tramuntana tal-Baħar tat-Tramuntana fil-Fossa Norveġiża). Abbażi ta' dak il-parir u wara konsultazzjonijiet man-Norveġja, jixraq li l-kwota tal-Unjoni għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES tiġi stabbilita għal 3 266 tunnellata, f'konformità mal-MSY.

(10) Skont il-parir tal-ICES tal-14 ta' April 2020, jenħtieġ li bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2021 ma jinqabdux iktar minn 207 807 tunnellata ta' laċċ ikħal (*Sprattus sprattus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES (fil-Baħar tat-Tramuntana) u fid-diviżjoni 3a tal-ICES (fi Skagerrak u f'Kattegat). Għalhekk jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal jiġu stabbiliti għal 169 778 tunnellata fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, u għal 38 029 tunnellata fid-diviżjoni 3a tal-ICES għal dak il-perijodu, f'konformità mal-MSY.

(11) Sa ma jingħata l-parir xjentifiku għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021, ġiet stabbilita TAC ta' żero għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għal dak il-perijodu. L-ICES ser joħroġ il-parir tiegħu għal dak l-istokk fi tmiem Ġunju tal-2020. Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ikunu jistgħu jkomplu sa ma tiġi stabbilita t-TAC abbażi tal-aħħar parir xjentifiku, jenħtieġ li tiġi stabbilita TAC proviżorja ta' 4 018-il tunnellata, abbażi tal-qabdiet li saru fit-tielet kwart tal-2019. Jenħtieġ li dik it-TAC proviżorja tiġi emendata f'konformità mal-parir xjentifiku tal-ICES.

(12) Fir-Rekord Maqbul tal-Konsultazzjonijiet dwar is-Sajd li saru fid-19 ta' Diċembru 2019 bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea għall-2020, il-Partijiet qablu li minbarra l-50 000 tunnellata ta' aringi (*Clupea harengus*) li n-Norveġja tista' tistad mill-kwota tagħha fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b u li l-Unjoni tista' tistad mill-kwota tagħha fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N, ser tingħata wkoll kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk in-Norveġja jew l-Unjoni jitolbu dan. Dak il-ftehim jenħtieġ li jiddaħħal fil-liġi tal-Unjoni.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

([4]) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48).

(13) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2020 li saret bejn l-14 u t-18 ta' Frar 2020, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) irrevediet il-miżura ta' konservazzjoni għas-sawrell taċ-Ċilì (*Trachurus murphyi*), li għalih l-opportunitajiet tas-sajd ma kinux għadhom ġew iddeterminati fir-Regolament (UE) 2020/123. Jenħtieġ li l-miżuri applikabbli jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(14) Fil-laqgħa annwali tagħha li saret bejn it-23 u s-27 ta' Settembru 2019, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) iddeċidiet li tagħlaq is-sajd għall-fonsa l-ħamra tat-tip (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO minħabba li jaf naqas l-istokk tagħha. Għalhekk jenħtieġ li din il-miżura tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni u li għaldaqstant il-lista tal-ispeċijiet ipprojbiti jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

(15) Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), li naqqset it-TAC għall-2020 għall-pixxispad tal-Mediterran (*Xiphias gladius*), diġà ġiet implimentata fil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, f'Jannar tal-2020 is-Segretarjat tal-ICCAT ħareġ linji gwida għall-kalkolu tat-TAC għall-pixxispad tal-Mediterran. Minħabba f'hekk, jeħtieġ li l-kwota tal-Unjoni tiġi aġġornata kif xieraq.

(16) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2019 li saret mis-17 sal-21 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja (IOTC) adottat limiti ġodda tal-qbid għat-tonn l-isfar (*Thunnus albacares*) li ma jaffettwawx il-limiti tal-qbid tal-Unjoni fil-qafas tal-IOTC. Madankollu, hija naqqset il-possibiltajiet li jintużaw irkaptu biex jinġemal-ħut (FADs), bastimenti tal-provvista kif ukoll bagi strumentati. Għalhekk, jenħtieġ li jsir tibdil ulterjuri fir-Regolament (UE) 2020/123 biex ikun żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jkunu jirriflettu sewwa d-deċiżjonijiet li ħadu l-Partijiet Kontraenti tal-IOTC.

(17) F'Lulju 2019, is-sitt Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) iddeċidiet dwar miżuri marbutin mas-sajd tal-qiegħ u dwar il-limitazzjoni tal-isforz fiż-Żona tal-Ftehim. Ir-Regolament (UE) 2020/123 implimenta dawk il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li jsir iktar tibdil biex ikun żgurat li r-regoli ta' implimentazzjoni jkunu jirriflettu sewwa d-deċiżjonijiet meħuda minn SIOFA b'rabta mal-limiti fuq is-sajd tal-qiegħ.

(18) Il-Kummissjoni tagħti liċenzji tas-sajd lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Venezwela biex dawn ikunu jistgħu jistadu għall-isnapper fl-ilmijiet Ewropew 'il barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża. Ir-Regolament (UE) 2020/123 jipprevedi l-għoti ta' 45 liċenzja. Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet, trid tingħata prova li ġie konkluż kuntratt validu bejn sid il-bastiment u kumpannija tal-ipproċessar li tkun tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża. Matul il-proċess tal-awtorizzazzjoni bejn sena w'oħra, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu għaddejjin il-ħidmiet tas-sajd b'ċerti kundizzjonijiet.

(19) Bastimenti li jistadu għaċ-ċiċċirelli li jużaw ċertu rkaptu fis-subdiviżjonijiet 2a, 3a u 4 tal-ICES jenħtieġ li jkunu soġġetti għal perijodi ta' projbizzjoni mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021.

(20) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/123 jiġi emendat kif xieraq.

(21) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1838 u fir-Regolament (UE) 2020/123 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jiddaħħlu permezz ta' dan ir-Regolament marbutin mal-limiti tal-qbid jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun. Fir-rigward tal-bidliet fil-livelli tat-TAC, tad-deroga addizzjonali fil-Baħar Baltiku u tat-tkomplija tal-permess tal-użu ta' rkaptu fil-Baħar Ċeltiku, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. Peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti jew qed jiġu miżjuda u qed jiġu introdotti regoli aktar permissivi permess ta' dan ir-Regolament, il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi mhumiex affettwati mill-applikazzjoni retroattiva ta' dan ir-Regolament.

(22) Ir-Renju Unit ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([5]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1838

L-Anness tar-Regolament(UE) 2019/1838 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([5]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament (UE) 2020/123

Ir-Regolament (UE) 2020/123 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(j) 'baga strumentata' tfisser baga mmarkata b'mod ċar b'numru ta' referenza uniku li jippermetti l-identifikazzjoni ta' sidha u mgħammra b'sistema ta' rintraċċar bis-satellita biex timmonitorja l-pożizzjoni tagħha;

(k) 'baga operazzjonali' tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u użata fuq il-baħar fuq irkaptu biex jinġemal-ħut (FAD) jew injam jgħum fil-wiċċ, li tittrażmetti l-pożizzjonijiet u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda.";

(2) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 12a

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirelli

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirelli bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm għandu jkun projbit fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021.100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 160 mm;".

(3) Ir-raba' inċiż tal-punt (a) tal-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 160 mm;".

(4) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana

1. Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħlief għas-sajd bi rkaptu pelaġiku (bit-tartaruni tal-borża u bix-xbieki tat-tkarkir), u l-perijodi li matulhom ser jkunu magħluqa huma stabbiliti fl-Anness IV.

2. Il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni b'daqs minimu tal-malji ta' mill-inqas 70 mm f'4a u 4b jew mill-inqas 90 mm fi 3a, u bil-konzijiet [1] ma għandhomx jitħallew jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4a tal-ICES, fit-Tramuntana tal-latitudni 58° 30′ 00 N u fin-Nofsinhar tal-latitudni 61° 30′ 00 N u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a.20 tal-ICES (Skagerrak) u tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES fit-Tramuntana tal-latitudni 57° 00′ 00 N u fil-Lvant tal- lonġitudni 5 00'00 E.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-bastimenti tas-sajd imsemmijin f'dak il-paragrafu jistgħu jistadu fiż-żoni msemmijin fil-paragrafu 1, dejjem jekk dawn ikunu jissodisfaw tal-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) jekk il-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma jkunux jaqbżu l-5 % tal-qabdiet kollha għal kull vjaġġ tas-sajd; il-bastimenti b'qabdiet ta' bakkaljaw li ma jkunux qabżu 5 % tal-qabdiet totali tagħhom fil-perjodu 2017-2019 huma preżunti li jikkonformaw ma' dan il-kriterju dment li jkomplu jużaw l-istess irkaptu li użaw f'dak il-perjodu; din il-preżunzjoni tista' tiġi ribattuta;

(b) jekk ikunu jużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni rregolati u selettivi ħafna li, skont studju xjentifiku, jwasslu biex il-qabdiet tal-bakkaljaw jonqsu tal-inqas bi 30 […] % meta mqabbla ma' bastimenti li jistadu bid-daqsijiet tal-malja ta' referenza għall-irkaptu rmunkat kif speċifikat fil-punt 1.1 tal-Parti B tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241 […]. L-STECF jista' jevalwa dawk l-istudji. Jekk, abbażi ta' evalwazzjoni tal-STECF dwaru li ma tkunx waħda favorevoli, dan l-irkaptu ma jkunx jista' jibqa' jitqies validu għall-użu fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) fil-każ tal-bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 100 mm jew iktar [tat-tip TR1], jekk dawn jużaw l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

— xbieki tat-tkarkir bis-sorra b'daqs minimu tal-malji fil-parti tas-sorra ta' 600 mm;

— maljetta mgħollija tal-kalar (0,6 m);

— xibka selettiva orizzontali li jkollha fetħa għall-ħrib b'malji kbar;

(d) fil-każ tal-bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 70 mm f'4a u 90 mm fi 3a u inqas minn 100 mm (tat-tip TR2), jekk dawn jużaw l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

— għarbiel orizzontali bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut tond;

— pannell seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;

— għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut;

(e) bastimenti li jkunu soġġetti għal pjan nazzjonali biex jiġi evitat li jinqabad il-bakkaljaw biex il-qabdiet tal-bakkaljaw ikunu sostenibbli f'konformità mar-rata ta' mortalità mis-sajd li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti, abbażi tal-livelli ta' parir xjentifiku, permezz ta' miżuri tekniċi jew spazjali, jew ta' taħlita tat-tnejn li huma; tali pjanijiet jenħtieġ li jiġu vvalutati mhux aktar tard minn xahrejn wara li jiġu implimentati, fil-każ tal-Istati Membri tal-UE min-naħa tal-STECF, u fil-każ ta' pajjiżi terzi min-naħa tal-korp xjentifiku rilevanti nazzjonali tagħhom, u għandhom jerġgħu jiġu riveduti meta jitqies li dan huwa neċessarju f'każ li tali valutazzjonijiet jindikaw li mhux ser jintlaħaq l-għan tal-pjan.

4. L-Istati Membri għandhom itejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-bastimenti msemmija fil-paragrafu 2 biex jikkontrollaw il-konformità mal-kondizzjonijiet speċifikati fil-punti(a) sa (e) tal-paragrafu 3.".

([1]) Bil-kodiċijiet tal-irkaptu li ġejjin: OTB, OTT, OT, TBN, **[…],** TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX, LL, LLS.

(5) Fl-Artikolu 16(1) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(o) il-fonsa l-ħamra tat-tip (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO.".

(6) l-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 27

Irkapti mitluqa għal riħhom biex jinġemal-ħut (FADs) u bastimenti tal-provvista

1. Jenħtieġ li (FADs) ikunu mgħammra b'bagi strumentati. L-użu ta' kwalunkwe baga oħra, bħal bagi tar-radju huwa pprojbit.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jsegwi fl-ebda waqt iktar minn 300 baga operazzjonali.

3. Kull sena ma jistgħux jiġu akkwistati iktar minn 500 baga strumentata għal kull bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jkollu fl-ebda waqt iktar minn 500 baga strumentata (kemm maħżuna u kemm li jkunu qed jitħaddmu).

4. Ma għandux ikun hemm iktar minn żewġ bastimenti tal-provvista għal mill-inqas ħames bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża, li lkoll għandhom itajjru l-bandiera ta' Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri li jużaw bastiment wieħed biss tal-provvista.

5. Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartaruni tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn iktar minn bastiment wieħed tal-provvista li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

6. L-Unjoni ma għandha ddaħħal l-ebda bastiment addizzjonali tal-provvista jew bastiment ġdid tal-provvista fir-reġistru tal-bastimenti awtorizzati tal-IOTC.".

(7) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 46

Limiti għas-sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu qed jistadu fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tagħhom tas-sajd tal-qiegħ u l-qabdiet annwali tagħhom minn dak it-tip ta' sajd għal-livell annwali medju tagħhom għas-snin li fihom il-bastimenti tagħhom kienu attivi fiż-Żona tal-Ftehim ta' SIOFA tul perijodu rappreżentattiv li għalih teżisti data ddikjarata lill-Kummissjoni;

(b) ma jwessgħux il-firxa tad-distribuzzjoni tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ lil hinn miż-żoni fejn sar is-sajd f'dawn l-aħħar snin, minbarra s-sajd bix-xlief u bin-nases;

(c) ma jkunux awtorizzati jistadu fiż-żoni protetti b'mod temporanju ta' Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What u Walter's Shoal, kif iddefinit fl-Anness IK, ħlief bix-xlief u bin-nases u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qed jistadu f'dawk iż-żoni.".

(8) l-Artikolu 51 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 51

Staġuni magħluqin għas-sajd

Bastimenti ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell u għal qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES ma għandhomx jistadu għaċ-ċiċċirell f'dik is-subżona bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat b'daqs tal-malji inqas minn 16 mm fil-perijodi li ġejjin:

(a) mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2020;

(b) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021.".

(9) l-Annessi IA, ID, IH u V huma emendati f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 u l-punt (3) tal-Artikolu 2 u l-punt (9) tal-Artikolu 2 flimkien mal-punti 1(a) u (e) u l-punti 2 u 3 tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020.

Il-punti (1), (2) u (5) sa (8) tal-Artikolu 2 u l-punt (9) tal-Artikolu 2Artikolu flimkien mal-punti 1(b), (c) u (d) u l-punt 4 tal-Anness II għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2020.

Il-punt (4) tal-Artikolu 2 għandu japplika mill-15 ta' Awwissu 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A.METELKO ZGOMBIĆ

ANNESS I

L-Anness tar-Regolament (UE) 2019/1838 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 25 sa 32 tal-ICES, in-nota ta' qiegħ il-paġna numru 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(2) Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jsiru attivitajiet tas-sajd li jsiru biss għall-finijiet esklużivi tal-investigazzjonijiet xjentifiċi, sakemm dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perijodu tal-għeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn l-ilma jkun inqas minn 20 metru fond skont il-koordinati tal-mappa nawtika uffiċjali li joħorġu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.";

(2) Fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22 sa 24 tal-ICES, in-noti ta' qiegħ il-paġna numri 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(1) Fis-subdiviżjoni 24 għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota fis-subdiviżjoni 24.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, attivitajiet tas-sajd li jsiru biss għall-finijiet esklużivi tal-investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw sakemm dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, is-sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjoni 24 għandu jkun permess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni li jinsabu sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fejn l-ilma jkun inqas minn 20 metru fond skont il-koordinati tal-mappa nawtika uffiċjali li joħorġu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru.

(2) Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal din il-kwota fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, jistgħu jsiru attivitajiet tas-sajd li jsiru għall-finijiet esklużivi tal-investigazzjonijiet xjentifiċi, sakemm dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dak il-perijodu tal-għeluq ma għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bix-xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew bi rkaptu passiv ieħor f'żoni fejn l-ilma jkun inqas minn 20 metru fond skont il-koordinati tal-mappa nawtika uffiċjali li joħorġu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru."

ANNESS II

L-Annessi IA, ID, IH u V tar-Regolament (UE) 2020/123 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness IA huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-aringi fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Aringi (1)		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N
	Clupea harengus			(HER/4AB.)
Id-Danimarka	59 468		TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	39 404			
Franza	20 670			
In-Netherlands	51 717			
L-Iżvezja	3 913			
Ir-Renju Unit	55 583			
L-Unjoni	230 755			
Il-Gżejjer Faeroe	250			
In-Norveġja	111 652	(2)		
It-TAC	385 008			

(1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.

(2) Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b (HER/*4AB-C) ma tistax tinqabad iktar mill-kwantità mniżżla hawn taħt. Ser tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk in-Norveġja titlob it-tali żieda.
50 000

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, l-Unjoni ma tistax taqbad iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt fl-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N. r tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk l-Unjoni Ewropea titlob it-tali żieda.

L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/*04N-)

50 000";

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Speċi:	Inċova		Żona:	9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF
	Engraulis encrasicolus			(ANE/9/3411)
Spanja	1 922	(1)	TAC prekawzjonarja	
Il-Portugall	2 096	(1)		
L-Unjoni	4 018	(1)		
It-TAC	4 018	(1)		

(1) Il-kwota tista' tinstad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Settembru 2020".

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fid-diviżjoni 3a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*	Żona:	3a (PRA/03 A.)
Id-Danimarka	2 123	TAC analitika"	
L-Iżvezja	1 143		
L-Unjoni	3 266		
It-TAC	6 115		

(d) tiddaħħal it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd li ġejja għal-laċċ ikħal u għall-qabdiet aċċessorji marbutin miegħu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

"Speċi:	Laċċ ikħal u qabdiet aċċessorji marbutin miegħu *Sprattus sprattus*		Żona:	3a (SPR/03 A.2)
Id-Danimarka	25 482	(1) (2)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	53	(1) (2)		
L-Iżvezja	9 642	(1) (2)		
L-Unjoni	35 177	(1) (2)		
It-TAC	38 029	(2)		

(1) Sa 5 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda (OTH/*03 A.2). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(2) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021."

(e) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċ ikħal u għall-qabdiet aċċessorji marbutin miegħu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Laċċ ikħal u qabdiet aċċessorji marbutin miegħu *Sprattus sprattus*		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (SPR/2AC4-C)
Il-Belġju	1 821	(1) (2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	144 154	(1) (2)		
Il-Ġermanja	1 821	(1) (2)		
Franza	1 821	(1) (2)		
In-Netherlands	1 821	(1) (2)		
L-Iżvezja	1 330	(1) (2) (3)		
Ir-Renju Unit	6 010	(1) (2)		
L-Unjoni	158 778	(1) (2)		
In-Norveġja	10 000	(1)		
Il-Gżejjer Faeroe	1 000	(1) (4)		
It-TAC	169 778	(1)		

(1) Il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OTH/*2AC4C). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu d-9 % tal-kwota.

(3) Inkluż iċ-ċiċċirell.

(4) Din il-kwota jista' jkun fiha sa 4 % ta' qabdiet aċċessorji tal-aringi.";

(2) Fl-Anness ID, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-pixxispad fil-Mediterran hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi	Pixxispad *Xiphias gladius*		Żona:	Il-Baħar Mediterran (SWO/MED)
Il-Kroazja	14,60	(1)	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96."	
Ċipru	53,85	(1)		
Spanja	1 663,34	(1)		
Franza	115,93	(1)		
Il-Greċja	1 101,10	(1)		
L-Italja	3 409,98	(1)		
Malta	404,55	(1)		
L-Unjoni	6 763,35	(1)		
It-TAC	9 583,07			

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru.

(3) Fl-Anness IH, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell taċ-Ċilì fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO hija sostitwita b'dan li ġej:

"Speċi:	Sawrell taċ-Ċilì *Trachurus murphyi*	Żona:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	10 446,80	TAC analitika Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96"	
In-Netherlands	11 323,26		
Il-Litwanja	7 269,16		
Il-Polonja	12 498,78		
L-Unjoni	41 538		
It-TAC	Mhix rilevanti		

(4) fil-Parti B tat-tabella mogħtija fl-Anness V, li tittratta "L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni", in-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(1) Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, trid tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża u li dan jinkludi l-obbligu li mill-inqas 75 % mill-qabdiet kollha tal-isnapper tal-bastiment ikkonċernat jinħattu l-art f'dak id-Dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. L-awtoritajiet Franċiżi jridu japprovaw it-tali kuntratt u għandhom jiżguraw li dan ikun konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża tal-ipproċessar kontraenti u kif ukoll mal-objettivi għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana. Mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinhemeż kopja tal-kuntratt li jkun ġie approvat kif xieraq. Meta t-tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni b'dan u jagħtuhom ir-raġunijiet tagħhom għal dan. Bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tal-Venezwela li jkun awtorizzat iwettaq attivitajiet tas-sajd fl-2020 jista' jkompli jistad sal-1 ta' April 2021 sa ma tiġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, dejjem jekk:

— l-operatur tal-bastiment ikun iffirma kuntratt ġdid tal-provvista għall-2021,

— ikunu għaddejjin il-proċeduri għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' dan il-bastiment,

— fl-2020 l-operatur tal-bastiment ikun ikkonforma mal-obbligi tiegħu tar-rappurtar u l-obbligi kuntrattwali tiegħu marbutin mal-ħatt l-art.

Din l-estensjoni tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għall-2021 għall-bastiment, jew malli l-Kummissjoni tinnotifika li l-awtorizzazzjoni ġiet miċħuda.".